# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2679

Każ numru 3532/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn
Laurence Abela
(K I Nru. 514077(M)
u
Cassar Petroleum Services Ltd
(C45993)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*

**Chairman : James Henry Pearsall**

**Illum :**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' dikjarazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Frar, 2017, fejn Laurence Abela jiddikjara li it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet ingusta u mhux skont il-Ligi. Ghaldaqstant is-Sur Laurence Abela qieghed jitlob kumpens xieraq minhabba id-danni li sofra.

Min naha ta' Cassar Petroleum Services Ltd., isosstni li it-terminazzjoni tas-Sur Laurence Abela hija wahda gusta u skont il-Ligi . Ghaldaqstant it-talbiet tas-Sur Abela huma infondati.

It-Tribunal kellu tlieta u ghoxrin seduta, izda ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mil-Liġi minħabba numru ta' differimenti mitluba mis-soċjetà intimata kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**
   Is-Sur Laurence Abela li minn issa 'il quddiem ser jissejjah ir-rikorrent mghejjun mill-Avv. Carlos Bugeja.

Cassar Petroleum Services Ltd., li minn issa ‘il qudddiem ser tissejjah is-socjeta’ intimata mghejjuna mill-Avv. Andrew Grima; l-Avv . Matthew Brincat; l-Avv. Michael Tanti Dougal; u l-Avv . Andrew Cauchi.

**3. Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent kien impjegat, b’kuntratt indefinit, bhala xufier ta’ bowser u li d-doveri tieghu kienu li jqassam il-fuels, lil diversi klijenti, xoghol li kien ilu jaghmel ghall aktar minn erba’ snin.

Gara li, fis-27 ta’ Ottubru, 2016, ir-rikorrent gie itterminat mill-impjieg tieghu, wara li is-socjeta’ intimata sabet ammont ta’ fuel nieqes, u dan gara fl-incident li waqt li intalab mill-istess rikorrent sabiex jinghatalu ammont ta’ elefejn litru fuel fil-bowser tieghu, fl-istess hin il-bowser imtela u far b’eccess li il-fuel inxtered ma l-art.

Is-socjeta’ intimata waqqfet lir-rikorrent mix-xoghol tieghu sabiex ikollha ic-cans taghmel ir-rikonciljazzjoni tal-fuel li kien mghobbi mir-rikorrent fil-perjodu relatat ma l-incident, u wara li instab li kien hemm diskrepanza ta’ ammont sostanzjali ta’ fuel nieqes, is-socjeta’ itterminat l-impjieg tar-rikorrent, u li dan sehh gurnata wara l-incident tat-telf tal-fuel.

Gara l-fatt ukoll, li meta ir-rikorrent mar fl-ufficcini tas-socjeta’ intimata sabiex jigbor xi dokumentazzjoni tat-terminazzjoni, kif ukoll il-pendenzi finanzjarji li kien ghad fadallu jiehu minghand is-socjeta’ intimata, kien hemm nuqqas ta’ qbil fuq il-pendenzi finanzjarji kif ukoll fuq ir-raguni tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg. Dan wassal sabiex, inqala incident fejn l-impjegata tas-socjeta’ giet ittrattata b’mod inaccettabli u li wassal sabiex isir rapport ghand il-pulizja kif ukoll ghand it-tabib kuranti ta’ l-impjegata.

Finalment, wara intervent tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, is-socjeta’ intimataipprezentat ir-ragunijiet taghha u kienet disposta thallas l-ammont spettanti lill-impjegat li baqa’ jirrifijuta l-hlas.

4. **Il-lista ta' xhieda:**
   Xhieda imressqa ser ikunu skont kif elenkati fil-listi annessi kemm fir-rikors tar- rikorrent, kif ukoll fir-risposta tas-socjeta' intimata.

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

   Dokumenti ipprezentati mis-socjeta' intimata immarkati bhala Dok A; Dok AT 4767.Doc B

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**
   Seduta 26/11/18:

6.1 **M.Cassar** socjeta' intimata "-------qatt ma kelli problemi ma xufiera ohra izda Laurence dejjem bin-nieqes (kuljum)". (Pag 4)

6.2 "------ghidtlu lill minn tajtu id-diesel?-----qalli jista ikun li tajtu lil Kirby------- u beda jwahhal fil-meter (Pag 8)

6.3 "Il-kalkoli tieghu ghamilhom hziena---------b'hekk far it-trakk----lil dak ma tahx diesel u gie bil-fuel go fih---------ma lahaqx nehhieh" (Pag 9).

6.4 " Mela jiena se nigi indahhal id-dipstick meta jiena suppost kelli hames mija u sibt tmien mija---x'ser nghidlu—Minn fejn gibthu dan id-diesel..( Pag 18)

6.5 **L.Abela** rikorrent " Il-kalkoli jiena ghamilthom ghax jiena dahhalt il-lasta, ghidtlu joqghodu mitejn litru hawnhekk------------kellu jitfih ghax waqghu xi mitejn u hamsin litru diesel" (Pag 36).

**6.6** " Isosspendut il-kelma ezatt; isosspendieni (Pag 42)

6.7 **"** Il-karti ma rieditx tghatihomli ---------gbidthomla , il-pulizja imbaghad bghatu ghaliha u mort.(Pag 16).

Seduta 22/10/2018:

6.8 **L Abela** mistoqsi mill-**L-Avv . M.Brincat** rigward il-procedura uzata, "----------f'dawn l-erba snin dejjem kienet din il procedura ???" "Ija".(Pag 25).

6.9 **"**Le jiena mal-karti innizzel il-kitba tad-dghajjes u il-qisien --------------nitla fuq niftah l-ghatu, inkejjel---(P42).

Seduta 30/10/2017:

7.0 **M.Cassar**: "---------------u hekk kien il-ftehim mieghi fl-ahhar tax-xahar jigi hemm jigbor il-paga-------ma giex fit-30 ta'Ottubru gie fl-1 ta' Novemebru.

Seduta 11/11/2018:

7.1 **S.Vella**: direttur tal-lanca Kirby FS. " ghidtlu le,-----zgur hemm zball.----------qalli, daqshekk mhux hekk qal il-meter?, ghidtlu mela inti taf hux. Jiena fil-fatt kont hadt aktar diesel. (Pag3).
7.2 " Il-meter kien qed turi mitejn u hamsin meta jiena ----------imlejtha il-lanca b'seba mija" (Pag4) Fil bidu hallasna ta' mitejn u hamsin imma imbaghad xhin skoprew-----------hallasna kollox" (Pag7).
7.3 " Indunaw ghax jikkalkulaw id-diesel minn got trakk hux" (Pag9).

Seduta 16/09/2019:
7.4 **CARLOSVella** direttur Kirby FS " Le dak (L.Abela) kull ma gie ried il-five hundred euro lizammlu l-imghallem----" (Pag 10).
7.5 **S.Cassar: "**Jekk tnaqqas dak li minghalik hrigt u tghid ha nghabbi d-differenza , lempty space vojt" (Pag 20).
7.6 **CARLOSVella** " Ordnajna il-fuel, ridna niehdu seba mitt litru-------------ghandna gauge ahna nkunu nafu kemm imtela" (Pag 8)
7.7 " Sinclair it-tifel qalli ghjandek zball----------ahna hadna seven hundred litre mhux 250 litres." (Pag2).

Seduta 11/11/2019:
7.8 Mistoqsij lil **Sinclair Vella** " id-delivery note fuq liema ammont giet iffirmata, fuq l-ammaont izzghir hux ta 250 ltrs ????" "Ezatt". (Pag 13).
**L.Abela: " -----------**imbaghad hrigt il-karti, il-ktieb tax-xoghol ;li ghamilt u sab elf litru nieqsa" u cempilt lill Kirby FS qalli " jiena ma ghidtlekx li kien hemm zball, ghidtlu iva kellem lill-imghallem" (Pag 23).

**8.0 Is-sinteżi tat-trattazzjoni tal-każ:**

**Is-socjeta' intimata:**

**L-Avv: Andrew Cauchi** ghas-socjeta' intimat, rega' fakkar fil-qosor il-fatti kif graw kronologikalment, kif ukoll ta spjegazzjoni kif sehhew it-teknikalitajiet tal-forniment tal-fuel fis-27 ta' Ootubru 2016, u li kien l-ahhar forniment lill-lanca Kirby FS.

Wara li sar dan it-traggit, ir-rikorrent dahal lura fil-garraxxijiet tas-socjeta' u li bhall ma kien jaghmel kuljum hu kejjel permezz ta' virga (dipstick) kemm kien ghad fadallu fuel fil-bowser tieghu. Ir-rikorrent ghadda il-kejl, li kien ha huwa stess, lill-impjegat responsabbli, li jaqdi id-dmirijiet tar-rikonciljazzjoni tat-taghbija u il-forniment tal-fuel lill-klijenti, dan kien ikkoraborat mix-xhieda ta' l-istess rikorrent. (Sed20/10/2018).

Wara li l-ghada filghodu hareg jaghmel it-tqassim tal-fuel lill diversi klijenti, hu mar lura lejn il-post tax-xoghol sabiex jimla il-bowser kif mitlub mill-istess membri tas-socjeta' intimata, wara li rega kejjel it-tank

tal-bowser, ir-rikorrent stess talab sabiex jinghata elfejn litru fuel fit-tank li kien kejjel, f'daqqa wahda it-tank far b'ammont sosstanzjali ta' litri ta' fuel jaqghu fl-art tant li kellu jigi migbur.

**L-Avv: Andrew. Cauchi** Enfasizza il-punt li ir-rikorrent issemmi jew jistaqsi " *kif far it-tank meta qeghdin jghidu li sabuli in-nieqes*??"

**L-Avv: Andrew Cauchi** itenni ukoll li it-terminazzjoni tar-rikorrent sehhet minhabba zewg istanzi, dak li gara fuq il-Kirby F.S, igifieri l-ghoti ta fuel zejjed izda li ma giex immnizzel fuq ir-ricevuta lill-klijent, u it-telf tal-fuel li sar l-ghada meta far it-tank tal-bowser, u li ezattament wara dan l-incident, ir-rikorrent gie sospiz sabiex issir l-investigazzjoni necessarja tad-diskrepanzi fil-fuel.

**L-Avv. Andrew Cauchi jirreferi ghax-xhiedha** taz-zewg propjetarji tal-lanca Kirby F.S fejn stqarrew li kienu wissew lir-rikorrent li l-lanca taghhom qatt ma seta ikun li hadet biss mitejn u hamsin litru fuel, izda ir-rikorrent ghazel li inizzel biss dak l-ammont, fuq id-delivery note, anke jekk, wiehed mill-propjetraji (Sinclair Vella) gibidlu l-attenzjoni li l-fuel baqa' jintela wara li skont ir-rikorrent il-meter tal-bowser kien wehel.

**L-Avv. Andrew Cauchi** irrefera ukoll li ir-rikorrent kellu altru minn esperjenza ta' kemm kienet tiehu fuel il-lanca Kirby F.S ghax kien hu li jmur iforni lill din il-lanca u lill-propjetarji taghha kien jafhom sew. Ghaldaqstant isostni li meta ir-rikorrent insista li inizzel biss l-ammont li kien qieghed juri il-meter (250 litru) meta giet migbuda l-attenzjoni tieghu li il-lanca hadet aktar fuel, dan kien ksur tad-dmirijiet tar-rikorrent u li dan kien il-bazi tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.

**Minn naha tar-rikorrent:**

**L-Avv: Carlos Bugeja** irribatta l-argument lima kienetx investigazzjoni kif riferuta mis-socjeta' intimata u rrifera ukoll ghall kummenti li kienu saru b'ton kemmxejn aggressiv minn wiehed mid-diretturi tas-socjeta' intimata u li wara kien sar xi rapport lil-pulizija.
**L-Avv: Carlos Bugeja** irrifera ukoll li l-anqas lis-CEO tas-socjeta' intimata ma kienu kellmu ahseb u ara kemm saret l-investigazzjoni. Sostna li apparti li ma ghamlux investigazzjoni, fisser li l-imgieba tal-membri tas-socjeta' intimata kienet wahda ta' lingwagg aggressiv u li minghajr dokumenti ipprezentati akkuzaw lir-rikkorrent b'serq ta' fuel u li dan sar bi ftehim ma' haddiehor u li dan kien wiehed ikkumplikat.

**L-Avv: Carlos Bugeja** irritjena kif ir-rikorrent jigi akkuzat b'serq u ma jsirx rapport lill-pulizja izda dan jitkecca mix-xoghol, izda gibed l-attenzjoni kif wara l-incident li sar bejn ir-rikorrent u Ms. Mireille Cassar, is-socjeta' intimata ghamlet rapport lill pulizija**. L-Avv. Carlos Bugeja** jerga jirriferi li s-CEO tas-socjeta' ma kienx mgharraf bil-kwistjoni tat-tkeccija tar-rikorrent, u li dan juri id-disorganizzazzjoni tas-socjeta' intimata.
**L-Avv: Carlos Bugeja**. Baqa' jsostni l-argumenti li ma kienx hemm investigazzjoni, ma kienx hemm proceduri ta' dixxiplina, kien hemm akkuza ta' serq minghajr l-ebda rapport lill-pulizija; ma jkunx involut

is-CEO tas-socjeta' intimata. **L-Avv Carlos Bugeja** jirreferi wkoll li l-akkuza ta' serq fil-Qrati iridu jigu ippruvati.

**L-Avv: Carlos Bugeja** irrefera ghax-xhieda tal-propjetarji tal-lanca fejn qal li semmew li il-meter tal-bowser ma kienx qieghed jahdem u li urew id-dispjacir taghhom li kien hemm xi hadd li tkecca.

**L-Avv: Carlos Bugeja** irrefera ghall-mod ta' kif saret it-terminazzjoni tar-rikorrent bhala "reverse engineering" li hu spjega li wara li tkecca, is-socjeta' intimata holqot ir-ragunijiet ghalxiex itterminat l-impjieg.

**L-Avv: Carlos Bugeja** enfasizza it-trattazzjoni tieghu li dak li gara kien minhabba difett fil-meter u qal hekk "---- *Anke l-fatt ejja nassumu, ejja nassumu kien hemm vera zball ta' Laurence Abela, sewwa? Dawn halsuhom, dik l-anqas nehduwha into cosideration qabel inkeccu lil xi hadd?* ________________________

*It-tkeccijiet ma jsirux fuq suppozizzjonijiet inkella kull meta jdejjaqni impjegat jien naqbad, naqbad tlett kumbinazzjonijiet u nkeccih______".*

**9.0 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal fehem sewwa l-ambjent tas-servizz mghoti mis-socjeta' intimata, fejn it-traggit tal-prodotti li kienet tforni kien wiehed delikat u li bilfors jirrikjedi supervizzjoni kontinwa u kollaborazzjoni stretta mill-impjegati kollha tas-socjeta'.

Minhabba dawn ir-ragunijiet is-socjeta' kellha sensiela ta' proceduri li kienet tasserixxi fuq l-impjegati, inkluz ir-rikorrent, sabiex fil-kors tax-xoghol ikun hemm kontabbilita' kontinwa fit-tqassim tal-prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata. Dawn il-proceduri semplici li kienu jafuhom l-impjegati kollha, kienu jigu ezercitati kulljum fix-xoghol taghhom.

It-Tribunal, filwaqt li dahal fil-mertu kollhu tal-kaz, fehem sewwa ix-xhieda mghotija mis-socjeta' intimata li kienet ilha tigbed l-attenzjoni tar-rikorrent li kien qieghed jillaxka wisq fil-kontabilita', meta kienet issir ir-rikonciljazzjoni tad-dokumenti relattati mall-forniment tal-fuel lill-klijenti, ghalkemm passi min naha tas-socjeta' qatt ma ittiehdu. Kien dan l-ahhar incident li spikka dan in-nuqqas car ta' kontabilita' ghax wara li r-rikorrent kien forna il-lanca Kirby SB b'ammont ta' fuel, hu immarka fuq dokument ufficjali li forna anqas fuel bl-iskuza li il-gauge tal-bowser kien imwahhal. Ir-rikorrent l-ghada ta' dan l-incident, meta dahal sabiex jerga' jimla l-bowser, kien hu stess li kejjel it-tank bid-dipstick, ghaldaqstant kien hu stess li talab ammont ta' fuel, skont kemm ghandhu bzonn, izda, irrizulta li il-bowser far u ammont sinifikanti ta' fuel spicca jigri ma' l-art.

It-Tribunal kien konvint minn mistoqsijiet li ghamel lix-xhieda li il-lanca involuta fil-kaz kienet fornuta b'seba mitt litru u mhux b'mitejn u hamsin li dan gie ikkonfermat kemm miz-zewg sidien tal-lanca kif ukoll mid-direttur tas-socjeta' intimata u ma giex innegat minn naha tar-rikorrent, hlief bl-iskuza li il-meter kien imwahhal, u li ghalkemm ir-rikorrent kien jaf b'dan, xorta wahda immarka mitejn u hamsin litru fuq id-delivery note.

Kien dan l-incident li wassal sabiex ir-rikorrent jigi sospiz sabiex isir stharrig tad-dokumenti kollha tal forniment tal-fuel, fejn instab li kien hemm diskrepanza ta' dak li gara fit-trapass tal-forniment tal-fuel lil-lanca Kirby S.B. Dan seta jsehh biss minhabba nuqqas car ta' dover baziku minn naha tar-rikorrent. Kien ir-rikorrent stess li ghat-tieni darba kejjel it-tank tal-bowser, xi haga li zgur kellhu esperjenza taghha, u rega' f'temp ta' jumejn ghamel , skont id-difiza tar-rikorrent, zball iehor li kejjel jew qara hazin il-qies minn fuq id-dipstick, dan l-izball ma kienx wiehed li jaqa' fil-limitu tat-tolleranza ta' semplici zball uman.

Meta it-Tribunal Industrijali ikkunsidra din it-temm ta' impjieg, ghamel numru ta' mistoqsijiet sabiex jifhem ir-raguni li setghet wasslet ghat terminazzjoni.

It-Terminazzjoni:

(a) Kienet minhabba nuqqas ta' doveri bazici, izda importanti, minn naha tar-rikorrent li wassal ghall-telfien ta'propjeta (fuel) tas-socjeta' initmata? Kien kaz premeditat ta' immanigjar hazin ta l-istess propjeta (fuel) li wassal ghall danni kontra is-socjeta' intimata?

(b) Kien kaz ta' ksur ta' relazzjoni serja bejn ir-rikorrent u is-socjeta' intimata li wassal ghat-telfien ta' fidujca bejn iz-zewg partijiet?

(9) Kienet skuza altru mir-raguni vera sabiex ir-rikorrent jitkecca mill-impjieg?

Il-proceduri ta' immaniggjar tal-fuel kienu esperjenzati sew mir-rikorrent ghall-aktar minn erba snin, mas-socjeta' intimata, u li dan gie ikkonfermat waqt ix-xhieda tieghu stess quddiem it-Tribunal.
Ghaldaqstant, mill-fatti svelati kemm mir-rikorrent kif ukoll minn xhieda ohra involuti direttament fil-kaz, it-Tribunal ikkonferma dan li gej

Ir-Rikorrent:

(1) kien jaf fil-memorja tieghu kemm kienet tiehu fuel il-lanca Kirby SB, li kienu klijenti regolari tas-socjeta' intimata, u li hu kien l-aktar persuna li kienet taghmel il-forniment taghha.

(2) Kien jaf li filwaqt li kellhu bowser gdid, u li kien juzah hu biss, meta il-meter tal-bowser skont hu kien qieghed jimmarka madwar elfejn litru, sid il-lanca Kirby SB qallu ghal aktar minn darba li l-lanca kienet imtliet u ghaldaqstant fuel kien ha aktar milli insista li ser jimmarka fuq id-delivery note.

(3) Kien ben konxju, li filwaqt li kien jaf li il-lanca hadet madwra seba mitt litru, hu ippersista li jimmarka mitejn u hamsin, ghax skont hu, il-meter hekk kien qieghed jaqra. Fuq ic-chit kien ser inizzel ic-cifra ta' mitejn litru u ma gharraf lil hadd izjed.

(4) Kien naqas mid-doveri tieghu li jinforma lis-superjuri tas-socjeta' intimata li il-meter tal-bowser kien imwahhal, u li kien ta hames mitt litru aktar milli immarka fuq id-delivery note, u dan la ghamlu dik l-gurnata u l-anqas wara.

(5) Kien hu, li bil- gurament xehed, li l-ghada li dahal sabiex jimla il-bowser bil-fuel, sosstna li kien kejjel it-tank bid-dipstick, u kien hu stess li iddecieda kemm jitlob fuel u hadd aktar, u li wara irrizulta li il-fuel far b'mijiet ta' litri fl-art.

(6) Kien ir-rikorrent stess, li wara li gie itterminat, mar ghand sid il-lanca Kirby S.B. u talbu sabiex ihallsu tal-fuel zejjed li kien tah u gharrfu li safa imkecci. Kien il-klijent stess li meta gie mistoqsi mid-direttur tas-socjeta' intimata kemm ha fuel, qal li ha seba mitt litru u kien lest li jhallas tad-differenza li ma kienetx giet irregistrata.

(7) It-Tribunal Industrijali meta fehem din ix-xhieda cirkustanzjali kollha, ma baqghalux triq ohra li jhares lejn il-punt baziku fir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u is-socjeta' intimata fejn tidhol il-lejalta u il-fiducja bejn iz-zewg patjiet. F'dan il-kaz, il-fatti kif graw, urew bic-car li din il-fiducja ta' impjegat vis-a –vis min jimpjega , f'mistier delikat ta' din il-kwalita', kienet intilfet bil-kbir. Il-fatti cirkustanzjali, kif evidenzjati li graw, kienu xhieda sufficjenti bizzejjed sabiex jigi ippruvat fil-bilanc tal-probabilita' lir-rikorrent kien hati li xjentament naqas gravi mid-doveri tieghu, u li dan wassal sabiex il-kumpanija ma kellhiex protezzjoni tal-propjeta' taghha kif mitlub mill-impjegat taghha.

**10 Decizzjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet. It-Tribunal Industrijali ha kunsiderazzjoni ta l-ispettru kollu tal –gravita' ta' l-imgieba skorretta tar-rikorrent fil-qadi ta' dmirijietu (Court of Appeal EAT.UK 027312 BA Brian Stuart vs London City Airport Ltd.)

It-Tribunal huwa konvint li ir-rikorrent kien naqas sew minn doveri bazici, izda ferm important fix-xoghol tieghu, ghal aktar minn darba fl-istess perjodu bejn incident u iehor kif riferut fil process, u li dan wassal ghal telf ta' fiducja li tant hija mehtiega f'mistier ta' din ix-xorta.

It-Tribunal Industrijali dejjem sostna li, filwaqt li minn jimpjega ghandu ikun uman fl-imgieba tieghu ma' l-impjegat, qatt ma ghandu jkun li il-hniena li tintuza fin-nuqqas ta' passi dixxiplinarji fil-hin, dan jigi interpretat bhala djufija u li jirrizulta li it-tort ibghatih minn jimpjega, ghax b'hekk dan jirrifletti l-invers tal-gustizzja.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jaqta' u jiddeciedi li it-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent kienet wahda gusta u skont il-Ligi.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James H.  Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja